**Ruling mogħti mill-iSpeaker Michael Frendo fis-Seduta 358 tal-Ħamis, 2 ta' Ġunju 2011 dwar il-punt imqajjem mill-Onor Gino Cauchi mogħti fis-Seduta**

Fis-Seduta 349 tat-23 ta' Mejju 2011, l-Onorevoli Gino Cauchi ġibed l-attenzjoni tas-Sedja u talab ruling dwar il-mod ta' kif, fil-fehma tiegħu, qed jiġi disprezzat il-Parlament għaliex minkejja li l-Parlament għandu proċedura ta' kif jgħaddi l-liġijiet, u minkejja li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar ix-Xandir ma kienx għadu ġie approvat mill-istadju tal-Kumitat, "partijiet minnu diġà ġew implimentati".

L-Onor Cauchi beda jirreferi għal dak li ġara fil-laqgħa nru 67 tal-20 ta' Mejju 2011 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġijiet, partikolarment għad-diskussjoni dwar klawsola 13 ta' dan l-Abbozz ta' Liġi li tgħid hekk:

"13. Minflok l-artikolu 40 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

40. (1) L-Awtorità għandha taħtar u tagħti liċenza lil operatur tan-network (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-operatur tan-network") biex imexxi in-network tal-oġġettivi ta' interess ġenerali li jkun ingħata liċenza mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni skond l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.".

L-Onor Gino Cauchi qal li "minkejja li din il-liġi għadha ma ġietx approvata u minkejja li se nkomplu niddiskutu din il-klawsola llum, l-Awtorita tax-Xandir implimentatha xhur ilu billi qabdet lill-PBS, tatu l-unur illi jkun dak li jissejjaħ l-operatur tan-network, il-PBS mar jinnegozja mal-kumpanija GO u daħlu fi ftehim kummerċjali bejniethom u issa l-istess PBS dar fuq l-istazzjonijiet l-oħra; in-Net TV, il-One TV, l-iSmash TV eċċ., u qed jgħidilhom li biex jitilgħu fuq dan in-network, iridu jħallsu €16,000 kull wieħed fis-sena. Mela aħna f'dan il-parlament, li suppost hi l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, għadna ma approvajniex dan l-abbozz ta' liġi u għadna ma approvajniex din il-klawsola u l-Awtorità tax-Xandir ġiet taqa' u tqum, xhur ilu qabdet lill-PBS biex timplimenta din il-klawsola, il-PBS daħal f'agreement kummerċjali mal-GO, kumpanija kummerċjali, u qed jitolbu lill-kompetituri tagħhom biex iħallsu lill-PBS.".

F'dak il-mument qam is-Segretarju Parlamentari l-Onor Mario de Marco fejn qal hekk: "Il-liġi tirregola diversi aspetti li għandhom x'jaqsmu essenzjalment mal-liċenzjar ta' network, ta' oġġettivi ta' interess ġenerali, detenturi ta' liċenzji kontenut ta' xandir ta' interess ġenerali u diversi affarijiet oħrajn. Fl-istess liġi għandna kwestjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' definizzjoni ta' x'inhu GIO, x'inhuma affarijiet relatati mas-servizz niche, servizz ta' xandiriet kummerċjali ... Dawn qegħdin jikkuntemplaw l-istess liġi illi Malta tgħaddi - kif fil-fatt qiegħda tgħaddi - għall-fażi diġitali. Ovvjament biex inti taqbad u tagħmel ix-shift għall-fażi diġitali, irid ikollok in-network tekniku ......(u kompla) l-uniku aspett li qed jirriferi għalih il-kollega l-Onor. Gino Cauchi huwa dak operattiv għax biex inti tagħmel network, trid ovvjament tikkontrattah. Xi ħadd għandu jagħmel in-network."

Huwa qal ukoll li "fil-liġi m'hemm xejn li jipprojbixxi milli tagħmel ix-xogħol preparattiv biex isir in-network." u li allura li, fil-fehma tieghu, ma jabilx li "dak li sar – li kienet kwestjoni operattiva – b'xi mod jew ieħor tmur kontra l-aspett tal-liġi".

L-Onor Gino Cauchi qal li x-xogħol li sar ma kienx wieħed preparattiv għaliex "Ix-xogħol ġie konkluż. L-Awtorità tax-Xandir qabdet lill-PBS, li l-PBS daħal f'kuntratt kummerċjali

ffirmat u ssiġillat mal-kumpannija GO. Tant hu hekk li l-PBS ilu jiġri għal dawn l-aħħar ġimgħat wara l-istazzjonijiet biex iħallsuh €16,000 u qed jgħidilhom li jekk ma jħallsuhomx mhumiex telgħin fuq in-network, meta l-Parlament għad irid jaqbel fuq din il-klawsola. Fejn hu x-xogħol preparattiv? L-agreement lest, konkluż, marbut."

Dwar din il-materja tkellmu wkoll il-Ministru Austin Gatt u l-Onorevoli Michael Farrugia.

Is-Sedja qabel xejn trid tikkonstata x'jikkostitwixxi disprezz tal-Kamra.

Hija tagħmel riferenza għall-Ordni Permanenti 66 tal-Kamra li jagħti eżempju ta' disprezz:

"Kull Membru li volontarjament ma jobdix xi ordni leġittima tal-Kamra, u kull
Membru li volontarjament jew b'mod vessatorju jinterrompi l-mixi regolari tax-xogħol tal-Kamra jkun ħati ta' disprezz."

Hija tagħmel ukoll riferenza għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati li jirregola x'jista' jitqies bħala "nuqqas ta' qima" fil-konfront tal-Kamra jew ta' xi Membru tagħha kif elenkat fl-Artikolu 11 (4).

Is-Sedja rat ukoll id-definizzjoni li tingħata l-kelma "contempt" fil-House of Commons:

"Generally speaking, any act or omission which obstructs or impedes either House of Parliament in the performance of its functions, or which obstructs or impedes any Member or officer of such House in the discharge of his duty, or which has a tendency, directly or indirectly, to produce such results, may be treated as a contempt ..." (Erskine May, Edizzjoni 23, p128)

Is-Sedja rat ukoll dak li jgħid l-Erskine May f'parti oħra minn dan il-volum dwar il-privileġġ tal-Parlament:

"Each House also claims the right to punish contempts, that is, actions which, while not breaches of any specific privilege, obstruct or impede it in the performance of its functions, or are offences against its authority or dignity such as disobedience to its legitimate commands or libels upon itself, its members or its officers." (Erskine May, Edizzjoni 23, p75)

Is-Sedja tagħmel ukoll riferenza għar-ruling li tat is-Sedja diversament kostitwita fis-seduta 175 tas-7 ta' Diċembru 2009 fejn intqal hekk;

"Fil-kuntest tal-Kamra tagħna l-kwistjoni ta' "disprezz" (contempt) fil-konfront tal-Kamra stess jew ta' xi membru tagħha huwa regolat bl-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113)"

Is-Sedja tagħmel ukoll riferenza għall-ittra tagħha lill-Onorevoli Alfred Sant datata 22 ta' Jannar 2011 fejn, għar-rigward ta' disprezz, sostniet li huwa minnu dak li qal l-Onorevoli Sant fl-ittra preċedenti tiegħu li "Disprezz lejn il-Kamra jiddefinixxi ruħu skond l-iStanding Orders tal-Kamra, skond il-House of Representatives (Privileges and Powers) Ordinance, u

skond il-prattika tal-House of Commons." Is-Sedja wkoll sostniet li jista' jkun hemm disprezz li mhuwiex marbut ma' ksur ta' privileġġ.

Is-Sedja fl-istess ittra kienet hemmhekk emfasizzat li hija obbligata li tapplika t-terminu "disprezz lejn il-Kamra" prettament u biss kif joħroġ min-normi viġenti tal-Kamra fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Fid-dawl ta' dan, filwaqt li żżomm ferm il-punt li jista' jkun hemm disprezz lejn il-Kamra li ma jkunx neċessarjament ksur ta' privileġġ kif ukoll filwaqt li żżomm ferm li fil-kuntest tal-mod kif disprezz huwa regolat mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra kif ukoll mill-Ordinanza jibqa' xorta waħda spazju biex wieħed ifittex gwida wkoll mill-prassi tal-House of Commons tar-Renju Unit kif hawn fuq deskritt fl-Erskine May, is-Sedja ma tarax li l-aġir indikat mill-Onorevoli Gino Cauchi li inoltre ma giex negat bħala fatt la mill-Onorevoli De Marco u lanqas mill-Onorevoli Austin Gatt jikkostitwixxi disprezz skond il-parametri normattivi fuq indikati.

B'dan iżda s-Sedja ma hija qed tgħaddi l-ebda ġudizzju jekk l-istess aġir setax kien ultra vires jew meħud barra il-qafas legali eżistenti, jew jistax aġir bħal dan jitqies bħala abbuż ta' poter jew użu prematur ta' poter prospettiv, materja li wara kollox hija fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati u mhux tas-Sedja. Din id-deċiżjoni qiegħda tingħata salvi u fermi d-drittijiet li jista' jkollu l-Onorevoli Membru taħt kwalsiasi liġi.